MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 744/1994/1

**Mary mart Nazzareno Farrugia f'isimha proprju u bhala mandatrici ta' zewgha l-assenti Nazzareno Farrugia; u b'nota tal-21 ta' Ottubru 1998 Nazzareno Farrugia assuma l-atti stante li huwa issa jinsab prezenti Malta**

**v.**

**Pacifico u Vitorin konjugi Bonnici; u b'digriet tal-15 ta' Marzu 1995 Joseph Bonnici bhala kuratur tal-interdetta ommu Vitorin Bonnici gie awtorizzat jassumi l-atti tal-kawza minflok Vitorin Bonnici; ui b'digriet tat-23 ta' Ottubru 2001 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Joseph u Lawrence ahwa Bonnici stante l-mewt ta' ommhom Victoria sive Vitorin Bonnici fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-31 ta' Mejju 1994 li permezz taghha l-attrici proprio et nomine wara li ppremettiet:

Illi l-atturi selfu lill-konvenuti s-somma ta’ erbat elef lira (Lm4,000) oltre l-imghax legali bit-8 fil-mija fis-sena skond zewg skritturi tat-3 ta’ Lulju 1990 u tal-25 ta’ Lulju 1990 hawn annessi u mmarkati bhala dokument A u dokument B;

Illi l-konvenuti gew interpellati biex ihallsu lura lill-atturi s-somma fuq indikata pero` baqghu inadempjenti;

Talbet li din il-Qorti:

Tikkundanna lill-konvenuti jirrifondu lill-atturi s-somma ta’ erbat elef lira oltre l-imghax legali mill-25 ta’ Lulju 1990 ta’ self ta’ flus maghmula mill-atturi lill-konvenuti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Mejju 1994 u tal-mandat ta’ qbid numru 992/94  LF u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Jannar 1995 li permezz tieghu giet michuda t-talba tal-konvenut sabiex jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet;

Rat id-digriet tal-15 ta' Marzu 1995 li permezz tieghu Joseph Bonnici nomine gie awtorizzat jassumi l-atti tal-kawza minflok il-konvenuta Vitorin Bonnici u inoltre gie awtorizzat jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ghan-nom u fl-interess ta' l-istess konvenuta;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-imsemmi Joseph Bonnici nomine fejn qal:

1. Illi preliminarjament l-attrici MARY mart Nazzareno FARRUGIA ghandha tipproduci prova dokumentata,

skritta u debitament kompetentement awtentikata, li hija tabilhaqq il-mandatrici ta' zewgha Nazzareno Farrugia u li dana ta' l-ahhar huwa tabilhaqq assenti mill-gzejjer Maltin.

2. Illi in linea preliminari wkoll, stante li dina c-citazzjoni odjerna qeghda tigi bbazata fuq id-Dokumenti esebiti mmarkati rispettivament "A" u "B", a fol. "5" u "6" tal-process, in-nullita` tac-citazzjoni peress illi tali Dokumenti huma nulli skond il-ligi, u dak li huwa null "ab initio" ma jistax jigi sanat bi proceduri sussegwenzjali legali bhal fil-kaz odjern.

3. Illi fil-mertu ma huwa minnu xejn li Pacifico u Vitorin Bonnici, il-genituri tal-eccipjenti, huma b'xi mod debituri tal-atturi, u f'dana r-rigward il-Qorti hija mistiedna jekk jidhrilha xieraq u opportun li tirreferi wkoll ghall-atti kollha tac-Citazzjoni Numru 745/94 – FD fl-ismijiet JOHN MUSCAT et – versus – PACIFICO BONNICI et, li qeghda quddiem dina l-Qorti diversament ippreseduta u li tinsab differita ghat-2 ta' Gunju, 1995, fejn familjari tal-atturi ghamlu kawza simili kontra l-konvenuti fuq allegazzjonijiet totalment infondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Illi l-AFFIDAVIT ta' MARY FARRUGIA pro. et noe. jammonta fil-fatt ghal gurament falz u dina l-Qorti hija mitluba li tiehu dawk il-passi li jidhrilha xieraq u opportun li tiehu dwar dana l-att, kif jidher f'Dokument "C", a fol. 7 tal-process odjern.

5. Illi fic-cirkustanzi ghaldaqstant il-konvenuti bl-ebda mod ma jistghu jigu kkundannati jhallsu s-somma ndikata ta' LM4000, apparti mill-fatt li zgur ma harabx l-iskrutinizzazzjoni tal-Onorabbili Qorti li l-annessi skritturi llegali Dokument 'A' u Dokument 'B' jindikaw bejniethom ammont globali ta' LM2,500 + LM7,500 = LM10,000 (ghaxart elef liri Maltin), waqt li l-ammont mitlub mill-atturi huwa biss ta' LM4000 li mhux imnizzel bhala xi bilanc ta' somma akbar; kif ukoll waqt li l-attrici qeghda tiddikjara f'a fol. 4 tal-process li l-imghax huwa ta' 8% (li zgur li ma huwiex imghax legali f'kull sens!), fl-iskritturi abbusivi u illegali jidher imghax ta' 20%, apparti minn diskrepanzi ohra fl-imsemmijin Dokumenti "A" u "B" li jmorru wkoll

kontra l-ligi barra li jistonaw kemm mal-Affidavit f'Dokument "C" kif ukoll mad-Dikjarazzjoni f'a fol. 4 u ghalhekk il-Qorti hija mitluba wkoll li tiehu dawk il-mizuri kollha li jidhrilha opportuni li ghandha tiehu mehud in konsiderazzjoni n-nuqqas ta' serjeta` da parti tal-atturi u l-gurament falz mehud minn MARY FARRUGIA fil-prezentata ta' dina c-Citazzjoni ntavolata originarjament permezz tal-procedura maghrufa BIL-GILJOTTINA!

6. Illi fis-6 ta' Gunju, 1994, u f'dak il-perijodu ma huwiex minnu li l-konvenut PACIFICO BONNICI kien qieghed jirresjedi fl-indirizz Numru 29, Mill Street, MOSTA, kif b'gurament iehor falz asserit l-attrici MARY FARRUGIA nhar l-istess 6 ta' Gunju, 1994, skond kif jirrizulta f'a fol. 12/13 tal-process, u ghalhekk anke f'dana l-kaz dina l-Qorti hija mitluba li tiehu dawk il-passi kollha opportuni li jista' jidhrilha xieraq u gust li tiehu fl-interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja.

7. Illi l-AFFIDAVIT ta' PAULINE mart John MUSCAT bin-Numru tal-Karta tal-Identita' 178060(M) kif ukoll ta' JOSEPHINE FARRUGIA bint Joseph BELLIA u li ghandha n-Numru tal-karta tal-Identita' 412832(M), li gew mahlufa nhar l-10 ta' Novembru, 1994, ghandhom jigu sfilzati b'effett immedjat peress li isem dawn z-zewg persuni ma jirrizultax li gie ddikjarat skond il-ligi f'a fol. 4 tal-process (XHIEDA) u ghalhekk ma jistghux jigu f'dana l-istadju nkluzi bhala xhieda billi dana jammonta ghall-ksur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. SALVI ECCEZZJONIJIET OHRA ULTERJURI;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu rifuzjoni tas-somma ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000) li jghidu li

silfu lill-konvenuta Vitorin Bonnici skond skritturi datati 3 ta' Lulju 1990 u 25 ta' Lulju 1990. Fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu, Joseph Bonnici nomine rribatta din il-pretensjoni b'diversi eccezzjonijiet li jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. L-attrici ghandha ggib prova li hi l-mandatrici ta' zewgha u li dan jinsab imsiefer.

2. Ic-citazzjoni hija nulla peress illi bbazata fuq dokumenti li huma nulli.

3. Il-konvenuti konjugi Bonnici mhumiex debituri ta' l-atturi.

4. L-affidavit ta' l-attrici jammonta ghal gurament falz.

5. Id-dokumenti A u B annessi mac-citazzjoni ma jaqblux mal-pretensjoni attrici.

6. Il-konvenut Pacifico Bonnici ma kienx jirrisjedi fl-indirizz li qalet l-attrici bil-gurament taghha.

7. L-affidavits ta' Pauline Muscat u ta' Josephine Farrugia ghandhom jigu sflizati peress illi dawn il-persuni ma gewx dikjarati fil-lista tax-xhieda ta' l-atturi.

Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni jirrizulta li permezz ta' nota pprezentata fil-21 ta' Ottubru 1998 l-attur Nazzareno Farrugia assuma l-atti stante li "huwa issa jinsab prezenti Malta". Ghalhekk m'hemmx lok li tittiehed konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni.

Permezz tat-tieni eccezzjoni l-konvenut nomine eccepixxa n-nullita` tac-citazzjoni ghax ibbazata fuq dokumenti nulli. Id-dokumenti in kwistjoni (Dok. A u Dok. B a fol. 5 u 6 tal-process) jirreferu ghal depoziti ta' somom ghand il-konvenuta Vitorin Bonnici bl-20% kull sitt xhur. Kemm-il darba dawn jirreferu ghal imghax ta' 20% fuq somom allegatament mislufin, dik li hija nulla mhijiex it-transazzjoni kollha li setghet saret izda kull somma pretiza in eccess ta' dak li huwa lecitu, cioe` l-uzura. Dan il-fatt

ma jirrendix ic-citazzjoni nulla. Konsegwentement it-tieni eccezzjoni hi michuda.

Fis-sitt eccezzjoni tieghu l-konvenut nomine qal li l-attrici hadet gurament falz meta qalet li l-konvenut Pacifico Bonnici kien qieghed jirrisjedi 29 Mill Street, Mosta, u dan peress li mhux minnu li fis-6 ta' Gunju 1994 u f'dak il-perijodu huwa kien jirrisjedi hemm. Din l-eccezzjoni hija frivola ghall-ahhar. Ma ngabet l-ebda prova li l-konvenut Pacifico Bonnici ma kienx jirrisjedi fl-indirizz imsemmi u lanqas prova dwar fejn allegatament kien qieghed jirrisjedi. Inoltre atti prezentati mill-konvenuti stess jindikaw l-imsemmi indirizz: hekk, per ezempju, rikorsi ta' Pacifico Bonnici stess ipprezentati fit-28 ta' Dicembru 1994 u fid-29 ta' Dicembru 1994 u rikors ta'Joseph Bonnici nomine pprezentat fit-2 ta' Jannar 1996. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi respinta.

Bis-seba' eccezzjoni tieghu l-konvenut nomine jitlob l-isfilz ta' l-affidavits ta' Pauline Muscat u ta' Josephine Farrugia ghax mhux indikati fil-lista tax-xhieda ta' l-atturi. Effettivament minn ezami tal-lista tax-xhieda ta' l-atturi jirrizulta li l-unici persuni ndikati bhala xhieda huma l-kontendenti u Mary Tanti. Pauline Muscat u Josephine Farrugia mhumiex indikati bhala xhieda u lanqas ma tirrizulta xi talba da parte ta' l-atturi sabiex dawn jigu ammessi bhala xhieda. Ghaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut nomine u tordna l-isfilz ta' l-affidavits ta' l-imsemmijin Pauline Muscat (a fol. 18) u Josephine Farrugia (a fol. 21).

L-eccezzjonijiet l-ohra bazikament jirrigwardaw il-mertu tal-kaz li l-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkunsidra.

In-natura tal-kuntratt vantat mill-atturi huwa dak tal-mutwu li huwa regolat bl-artikolu 1842 tal-Kodici Civili li jiddisponi hekk:

**"Il-mutwu jew self ghall-konsum huwa kuntratt li bih wahda mill-partijiet tikkunsinna lill-ohra xi kwantita` ta' hwejjeg li jintemmu bl-uzu, bl-obbligu ta' min**

**jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk iehor ta' l-istess xorta u kwalita`."**

Minn din it-tifsira li l-ligi taghti lill-kuntratt ta' mutwu, huwa evidenti li l-attur li jitlob ir-restituzzjoni tal-hwejjeg minnu mislufa jrid jipprova l-elementi kostituttivi tal-kuntratt. Dawn l-elementi jikkonsistu fit-*traditio rei*, fil-kaz in dizamina l-konsenja tal-flus, u li tali konsenja saret b'titolu li jimporta l-obbligu fl-*accipiens* li jirrestitwixxi l-ekwivalenti tas-somma mislufa. Jista' jinghad li l-attur ikun adempixxa l-oneru probatorju inkombenti fuqu jekk jigu accertati l-imsemmijin zewg elementi.

Dak li jirrizulta mill-provi huwa s-segwenti:

Fl-affidavit taghha l-attrici Mary Farrugia tghid li oht ir-ragel taghha Mary Tanti hajritha tiddepozita ammont ta' flus mal-konvenuta Vitorin Bonnici bhalma ghamlet l-istess Mary Tanti u ohtha ohra Pauline Muscat. Skond l-attrici l-ammont li hija ddepozitat kien ta' cirka Lm4,000. Jidher li d-depoziti saru tramite Mary Tanti u dwarhom gew rilaxxati d-Dok. A u d-Dok. B annessi mac-citazzjoni. Wara xi zmien li kienu gew iddepozitati dawn il-flus u minkejja l-weghdiet ta' Mary Tanti li Vitorin Bonnici kienet ser thallas lura b'imghaxijiet kbar, baqa' ma thallas xejn. Ghalhekk l-attrici tghid li nsistiet li tiltaqa' wicc'imb wicc ma' l-imsemmija Vitorin Bonnici. Fil-fatt iltaqghet maghha diversi drabi fid-dar ta' Mary Tanti u talbitha l-flus lura. Meta xorta baqghet ma hallsitx, l-attrici kellmet lill-avukat taghha Dottor Edward Debono li kiteb lil Vitorin Bonnici. Meta sussegwentement iltaqghet ma' Vitorin Bonnici ghand Mary Tanti, Bonnici bdiet tghajjat biex ma jintbaghtuliex ittri d-dar u weghdet li sas-6 ta' April 1994 kienet ser thallas id-dejn kollu u, fin-nuqqas, jigi insinwat. Fis-6 ta' April 1994 Bonnici ma hallset xejn, fis-16 ta' Mejju 1994 l-attrici regghet marret ghand l-avukat taghha li taha ittra minn idejh biex tehodha personalment lil Bonnici. Malli marret ghandha u taghtielha, Bonnici qattghet l-ittra f'wiccha. Ghalhekk l-attrici ddecidiet li ghandhom jittiehdu passi legali.

Ix-xhud Mary Tanti tghid fl-affidavit taghha li hi u Vitorin Bonnici (li kienet tmur tilghab il-lottu fil-banka tal-lottu tar-ragel tax-xhud) kienu saru hbieb u darba hajritha "tiddepozita" flus maghha f'kumpanija li Bonnici qalet li kienet agenta taghha u li seta' jrendilha "hafna introjtu". Ix-xhud hajret membri ohra tal-familja taghha biex jaghmlu l-istess, fosthom lil huha Nazzareno Farrugia u martu (l-atturi) li "ddepozitaw" is-somma ta' Lm4,000. Tghid li nonostante weghdiet ta' Vitorin Bonnici li ser trodd il-flus li gew ikkonsenjati lilha, din baqghet ma raddet xejn.

Joseph Bonnici, iben il-konvenuti Pacifico u Vitorin Bonnici u llum hu stess wiehed mill-konvenuti, xehed li fis-sena 1994 l-attrici u ommha kienu marru jhabbtulu l-bieb u qalulu li ommu, Vitorin Bonnici, kellha ttihom hafna flus. Talabhom juruh ezatt kemm u huma telqu u rritornaw bl-iskritturi li kopja taghhom jinsabu esebiti bhala Dok. A u Dok. B. Jghid li huwa kellem lil ommu wahdu u din qaltlu li hi ma ghamlet xejn u ma ghandha taghti xejn. Dwar il-firem fuq l-iskritturi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 1999 qal li l-firma ma jaghrafhiex bhala dik ta' ommu u li ommu mhux hekk tiffirma izda mbaghad fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 1999 qal li kieku kellu jara l-firma taghha ma jaghrafhiex. Ipprometta li jfittex l-*identity card* taghha biex jipproduciha izda fil-fatt din qatt ma giet prodotta. Joseph Bonnici xehed ukoll illi huwa ha fotokopji ta' l-iskritturi li kienu urewh l-attrici u ommha u hadhom ghand l-avukat. Barra minn hekk mar ma' ommu ghand il-Psikjatra Dr. Peter Muscat.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Dr. Peter Muscat, u dan wara li l-atturi ingungew lil Vitorin Bonnici sabiex tixhed izda, in vista tal-fatt li hija kienet giet interdetta, il-kuratur taghha (binha Joseph Bonnici) talab ir-revoka tal-hrug tal-mandat ta' tahrik kontra ommu u esebixxa certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Muscat fis-16 ta' mejju 1996 (a fol. 126). Dr. Muscat ikkonferma kemm l-imsemmi certifikat kif ukoll certifikat iehor li kien irrilaxxja fil-31 ta' Mejju 1994 (a fol. 32) li fforma l-bazi tar-rikors ghall-interdizzjoni ta' Vitorin Bonnici fejn gie premess li l-imsemmija Vitorin Bonnici *hija inflitta minn mard mentali li jirrendiha suxxettibbli ghall-infieq u loghob bla razan"*. Ic-

certifikat imsemmi tal-31 ta' Mejju 1994 jindika li Bonnici giet riferuta lilu wara li *"people reported to the family that she was borrowing large amount of money"* u jikkonkludi li kienet qed issofri minn *"pathological overspending and pathological gambling"*.

Mill-assjem tal-provi din il-Qorti hi soddisfatta li Vitorin Bonnici kienet qed tissellef il-flus minghand diversi nies, fosthom l-atturi. Huwa veru li s-somom indikati fid-Dok. A u fid-Dok. B (a fol. 5 u 6) jammontaw ghal Lm10,000 filwaqt illi s-somma li qed tintalab permezz ta' din ic-citazzjoni hija ta' Lm4,000. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju pero` li l-figura ta' Lm10,000 tikkompendi wkoll l-imghaxijiet komputati. Issa r-rata ta' imghax indikata fl-istess dokumenti tikkostitwixxi uzura u mhix permissibbli mil-ligi. Konsegwentement, il-ftehim milhuq bejn l-attrici u Vitorin Bonnici, in kwantu jirrigwarda l-uzura, huwa null. Dak li huwa dovut huwa biss il-kapital u l-imghax skond il-ligi.

Mix-xiehda ta' l-attrici stess u dik ta' Mary Tanti jirrizulta li n-negozju kien qieghed isir unikament ma' Vitorin Bonnici. Minn dak li tghid l-attrici li kienet tiltaqa' ma' Bonnici fid-dar ta' Tanti u li Bonnici nsistiet maghha li ma tibaghtilhiex ittri d-dar, jidher evidenti ghal din il-Qorti li Pacifico Bonnici ma kienx jaf dwar it-transazzjonijiet li kienet ghamlet ma' l-atturi.

Issa skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1322 tal-Kodici Civili, atti ta' amministrazzjoni straordinarja *"imissu liz-zewg mizzewgin flimkien"*, u skond il-paragrafu (f) tas-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu 1322 is-self huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja. Il-paragrafu (g) tas-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu 1322 jinkludi wkoll bhala att ta' amministrazzjoni ordinarja l-akkwist ta' proprjeta` mobbli, b'dan li dan ma japplikax ghal xi dejn maghmul ghall-htigiet tal-familja skond il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 1327. Il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 1327 tal-Kodici Civili jiddisponi li l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jbatu bhala djun *"l-ispejjez u l-obbligi, ukoll jekk isiru separatament, ghall-htigijiet tal-familja maghduda dawk ghall-edukazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied"*.

Mill-provi migbura ma jirrizultax lil din il-Qorti li s-self li kienet qed taghmel Vitorin Bonnici kien intenzjonat ghall-"htigijiet tal-familja" izda biex jissoddisfa dak li l-psikjatra Dr. Peter Muscat iddeskriva bhala l-*"pathological overspending and pathological gambling"* taghha. Ghalhekk, u galadarba ma jirrizultax illi qatt kien hemm il-kunsens jew assistenza ta' zewgha, dan ifisser li d-dejn li Vitorin Bonnici kkuntrattat kien wiehed personali ghaliha u ma jistax jitqies bhala dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha izda dejn ta' l-assi parafernali taghha. Inoltre l-artikolu 1329 tal-Kodici Civili kif vigenti mhuwiex applikabbli peress illi dan l-artikolu gie introdott permezz ta' l-Att XXI ta' l-1993, cioe` wara li sar id-dejn in kwistjoni minn Vitorin Bonnici u li jirrisali ghall-1990.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, filwaqt illi tillibera lill-konvenut Pacifico Bonnici mill-osservanza tal-gudizzju, tikkundanna lill-konvenuti Joseph u Lawrence, ahwa Bonnici, bhala eredi subentrati minflok Victoria sive Vitorin Bonnici wara l-mewt taghha fil-mori tal-kawza, ihallsu lill-atturi s-somma ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000) mislufin lill-imsemmija Victoria sive Vitorin Bonnici, bl-imghax kif mitluba, izda dan sal-limitu ta' l-assi parafernali li kellha l-istess Victoria sive Vitorin Bonnici. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Joseph u Lawrence, ahwa Bonnici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------